

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

11713/25

ECOFIN 1011
UEM 399
ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-ħruġ ta' munita kommemorattiva b'disinn komuni li tiċċelebra 25 sena mit-tkabbir tal-Unjoni fl-2004

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-ħruġ ta' munita kommemorattiva b'disinn komuni
li tiċċelebra 25 sena mit-tkabbir tal-Unjoni fl-2004**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 651/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ħruġ tal-muniti tal-euro¹,

¹ ĠU L 201, 27.7.2012, p. 135, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/651/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014², il-muniti kommemorattivi maħruġa kollettivament mill-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jikkommemoraw biss suġġetti tal-ogħla rilevanza Ewropea u d-disinn tagħhom għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti kostituzzjonali possibbli ta' dawk l-Istati Membri.
- (2) Fit-13 ta' Ġunju 2025, abbażi ta' proposta mis-Sottokomitat għall-Munita tal-Euro, il-Komitat Ekonomiku u Finanzjarju tal-Kunsill approva l-prinċipju ta' ħruġ kommemorattiv komuni fl-2029, li jiċċelebra 25 sena mit-tkabbir tal-Unjoni fl-2004.
- (3) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 651/2012, deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' muniti kommemorattivi b'disinn komuni maħruġa kollettivament mill-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro għandha tittieħed mill-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 194, 2.7.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/729/oj>).

Artikolu 1

Il-ħruġ kollettiv fl-2029 ta' munita commemorattiva b'disinn komuni mill-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro, u li tiċċelebra 25 sena mit-tkabbir tal-Unjoni fl-2004 huwa b'dan approvat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
